# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE
## Nru 36/2010
## tat-12 ta' Marzu 2010
## li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 156/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 808/2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1022/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1738/2005, (KE) Nru 698/2006 u (KE) Nru 377/2008 fir-rigward tal-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Mestieri (ISCO) [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1023/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/824/KE tad-29 ta' Ottubru 2009 dwar l-użu tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO-08) [5] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jżdied mal-punt 28 (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32009 R 1006**: Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU L 286, 31.10.2009, p. 31)."

2. Dan li ġej għandu jiżdied fl-ewwel inċiż tal-punt 18db (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1738/2005) u fil-punti 18f (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 698/2006) u 18an (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008):

   ", kif emendat bi:

   — **32009 R 1022**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1022/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 283, 30.10.2009, p. 3)."

3. Dan il-punt li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 28d (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 960/2008):

   "28e. **32009 R 1023**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1023/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 283, 30.10.2009, p. 5)."

4. Dan li ġej se jiddaħħal wara l-punt 18z (ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "ATTI LI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA TAGĦHOM IL-PARTIJIET KONTRAENTI

   Il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħtu każ tal-kontenut tal-att li ġej:

   18za. **32009 H 0824**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/824/KE tad-29 ta' Ottubru 2009 dwar l-użu tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO-08) (ĠU L 292, 10.11.2009, p. 31)."

[1] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 61.
[2] ĠU L 286, 31.10.2009, p. 31.
[3] ĠU L 283, 30.10.2009, p. 3.
[4] ĠU L 283, 30.10.2009, p. 5.
[5] ĠU L 292, 10.11.2009, p. 31.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 1006/2009, (KE) Nru 1022/2009, u (KE) Nru 1023/2009 u tar-Rakkomandazzjoni 2009/824/KE fl-ilsien Islandiż u f'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Supplement taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-13 ta' Marzu 2010, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.